bħalu jkun kiebi, bħalu jġarrab il-qerq, bħalu jitriegħex u jistħi qabel ma jgawdi l-vera glorja.

Imma għalkemm fl-essenza tiegħu l-poeta Vassallo hu esistenzjalista, hemm sensiela ta' kwadri misterjużi li qatt mhuma 'l bogħod minn moħħu : hu jiftakar kemm Kristu ħabb lil Malta u Ommu kemm wennsitha; kif huma amru lill-mewġ li jaħsel ix-xtajta maltija mhux le li jgħattiha, iżda li joħdilha lil Pawlu biex iwasslilha l-aħbar it-tajba, li jdewwilha l-ġerħat, li jifdiha mill-jasar. U mill-imgħoddi tagħna Vassallo jagħraf x'għandu jgħid lil ħutu Maltin, kif għandu jwissihom għall-ġid tagħhom billi jħajjarhom iweġġħu l-qaddisin patruni tagħhom u jisimgħu mill-ministri t'Alla.

Il-motiv tal-ħajja poetika ta' Vassallo baqa' qatt ma nbidel għal kollox, iżda biż-żmien il-ħsieb sar aktar profond u nfirex sat-trufijiet tat-taħbila li hi l-ħajja tagħna, anzi daħal fl-irkejjen l-aktar imwarrba u mudlama u xi drabi daqsxejn maħmuġa meta ma jintnux ukoll—kuntrast stridenti man-naħiet l-oħra, sbieħ, mielsa u mfewħa mis-safa ta' l-indafa. U Vassallo, ta' bniedem sinċier mhux biss magħna, imma qabel kollox miegħu nnifsu, ma stmerrx ikanta l-ħajja kif jaraha hu—kollha kontrasti; fuq kollox hu jressaq quddiemna t-tqanqiliet tiegħu mlibbsa kliem li jixirqilhom minsuġa f'versi u strofi ta' bosta għamliet li jtuna metru meqjus u mfassal bil-għaqal ħalli jimxu tajjeb mar-ritmu tal-ħsieb, hekk li nifhmu ħsus qalbu aktar milli naraw ċar wiċċna f'mera għax ix-xellug jidher dejjem xellug u qatt lemin. Biex ikun jista' jagħmel dan, Vassallo ħaddem ilsienna b'dehen kbir u ħareġ minnu suriet poetiċi ġodda u ħoloq ritmu ftit u xejn ġdid għalina—aħrax u iebes, jeħel u jaqbeż, jitkaxkar u jitgħawweġ fil-mixja tiegħu dejjem quddemija, imma mhux nieqes mill-ħlewwa, ħlewwa misterjuża—kif inhi, forsi d-daqqa tal-ħajja maltija tal-lum. Tgħid għalhekk jogħġobna daqshekk?

Minkejja l-preġji kollha li semmejna, kieku l-poeżija vassalljana ma kenitx fl-istess ħin ukoll soġġettiva (ta' sikwit il-poeta jaqa' fuq dak li għadda minn għalih matul ħajtu); għanja bis-sbuħija tan-nota lirika hekk li tressaq lejn l-uman u taħji bis-sħana wtieqa tal-Fidi l-ħsieb biered teoloġiku filwaqt li tlibbes il-ġwienaħ lil-loġika kiesħa u ċassa; u fuq kollox imżewqa b'minjaturi delikati li l-awtur jpinġi b'daqqiet ħfief imma mlewnin, il-valur estetiku tagħha kien jonqos qatigħ għaliex forsi kienet tkun ħarxa żżejjed u flok ma tnissel fina l-indiema, sabiex



imħaffa mit-toqol ta' ħtijietna u safjin mill-ġdid bħall-bniedem qabel l-ewwel waqgħa, inkunu nistgħu nseħbuha f'titjira eterea, kienet tħallina fuq dina l-art kiefra moħħna mbergħen bit-taħwid u ġisimna mxekkel mit-twegħir tal-ħajja.

---

## KRISTINA

### *Ta'* Ġużi Abela

Kont ċkejkna meta kont tiġi tkellimni
jiena u nagħżaq fil-ġnien, fis-Seminarju,
liebes qalziet tax-xogħol u qmis imkemmxa,
f'rasi kappell qadim.

Kont tistaqsini meta niżra' l-ġiżi,
u kemm idumu sakemm jikbru u jiftħu,
u kont iġġagħalni nwiegħdek tidħol tagħżel
bukkett sabiħ ifuħ.

Imm'issa kbirt u twalt u timxi dritta,
lanqas issellem, u kultant iddawwar
ħarstek band'oħra, u ġo wiċċek nilmaħ
sħaba ta' ħsebijiet.

Donnok tibża' titnikker hawn tkellimni.
Donni jien naf b'xi ħaġa u nidher ikraħ.
Donni lest biex inċanfrek. Donnok ħatja,
**ħatja mingħajr ma trid,**

U għadni nagħżaq b'dawn il-ħwejjeġ qodma,
U żdiedet l-għabra fil-kappell ta' dari,
u l-fjuri kibru u nixfu u miż-żerriegħa
rawwimt ħmiemel oħrajn.

Kultant igħaddi xi ħadd u jgħidli 'saħħa',
kultant ma jgħaddi ħadd ħlief xi żewġ friefet...
Imma Kristina ma tgħaddix minn ħdejja,
Kristina għalija mietet.

Kristina, la tgħaddix minn din it-trejqa,
u la tiqafx tkellimni. Int issa kbira.
Imma jien għadni żgħir, żagħżugħ għal dejjem.
*Għalhekk* se nsir qassis.

Lulju, 1955.